MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 81/2005/1

**Emmanuel Terribile
v.
Arthur Bajada**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost mill-attur Emmanuel Terrible minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-16 ta' Jannar 2007 li biha dik il-Qorti ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi laqghet l-istess u ddikjarat illi l-attur m'ghandu ebda

interess guridiku li jippromwovi din il-kawza u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez a karigu tal-attur.

It-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu hawn riprodotti:
“Peress illi l-attur huwa Kunsillier fil-Kunsill Lokali Sannat, Ghawdex, filwaqt illi l-konvenut huwa Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill Lokali;

“U peress illi waqt laqgha ufficjali tal-Kunsill Lokali li nzammet fl-erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u hamsa (2005) is-Sindku tal-lokalita` ta’ Sannat Carmel Camilleri pprezenta dikjarazzjoni bil-miktub liema dikjarazzjoni giet moqrija u wara deciz li titpogga mal-minuti ta’ dik il-laqgha;

“U peress lli minkejja li din id-dikjarazzjoni kellha titpogga mal-minuti fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv naqas li jaghmel dan;

“U peress illi permezz ta’ diversi interpellazjonijiet fosthom izda mhux biss permezz ta’ ittra ufficjali datata tmintax (18) ta’ Awissu elfejn u hamsa (2005) l-attur Emanuel sive Wally Terribile nterpella lill-konvenut Arthur Bajada bhala Segretarju tal-Kunsill Lokali ta’ Sannat, Ghawdex, sabiex jghaddilu kopja tad-dikjarazzjoni li saret mis-Sindku Carmel Camilleri waqt il-laqgha tal-Kunsill tal-erbatax (14) ta’ Gunju tas-sena 2005 liema dikjarazzjoni kienet tibda bil-kliem “Illi f’dawn l-ahhar xhur….” u tispicca bil-kliem “….Fl-ahharnett jien qieghed nghid li gejt imgieghel ukoll napprova l-‘performance bonus’ tas-Segretarju”;

“U peress illi minkejja disposizzjonijiet tal-Artikolu 34 sub-artikolu (1) tal-Iskeda numru 6 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta’ Malta u wkoll diversi interpellazjonijiet fosthom l-ittra ufficjali bin-numru 559/2005 tat-tmintax (18) ta’ Awissu 2005 il-konvenut baqa’ inadempjenti;

“Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“(1) tordna lill-konvenut Arthur Bajada jghaddi kopja awtentika tad-dikjarazzjoni li saret mis-Sindku Carmel Camilleri fil-laqgha tal-14 ta’ Gunju 2005 lill-attur;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.”

B’nota pprezentata fit-22 ta’ Settembru 2005 il-konvenut eccepixxa hekk:

“1. illi l-attur m’ghandu l-ebda interess guridiku li jippromwovi dina l-kawza;

“2. illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba tal-attur;

“3. illi bla pregudizzju ghall-premess, l-artikolu (recte: r-regolament) numru erbgha u tletin tas-sitt skeda tal-Kap 363 ma jghati l-ebda jedd ta’ spezzjoni tad-dokumenti ta’ Kunsill Lokali; il-jedd ghall-kopja jissusisti biss, fi kliem l-istess ligi, jekk jkun hemm kopji. Il-konvenut bhala Segretarju tal-Kunsill qatt ma cahad tali access lill-attur bhala Kunsillier. Di piu` l-attur m’huwiex qieghed jitlob kopja tad-dokument biex jaqdi dmiru ta’ Kunsillier imma ghal skopijiet ulterjuri;

“4. illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux il-legittimu kontradittur u fin-nuqqas it-talba attrici tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

B’sentenza tas-16 ta’ Jannar 2007 l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li l-attur m’ghandux interess guridiku biex jippromwovi din il-kawza. Il-Qorti immotivat is-sentenza taghha hekk:-

“Illi in-vena legali hu rikonoxut illi:

- “l-interess guridiku tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz ta’ l-azzjoni jista’ jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili – *Vol.XLIX.ii.925*;

- “l-interess guridiku hu l-mizura ta’ l-azzjoni u ghandu jirrizulta mic-citazzjoni – *Vol.XXXVII.ii.608*;

- “l-interess guridiku li tesigi l-ligi ghandu jkun, kemm dirett, kemm legittimu, u kif ukoll attwali, u jrid johrog minn stat attwali ta’ ksur ta’ jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f’kundizzjoni posittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq – *Appell Pace et v Bonello 24.09.04;*

- “l-interess guridiku mhux bil-fors ikun wiehed li jigi kwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghall-morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku – *Appell Formosa Gauci v Lanfranco 28.11.2003*;

- “l-interess guridiku irid jibqa’ haj tul il-kawza… Jekk jigi nieqes il-kawza ma tkunx tista’ titkompla – *Appell Sammut v Attard 17.02.1993*;

“Fil-kawza in dizamina ma jidhirx li hemm kuntrast dwar il-fatti: mhux kontestat illi kien hemm laqgha ufficjali tal-Kunsill fl-14 ta’ Gunju 2005 li fiha giet moqrija u ntavolata dikjarazzjoni mis-Sindku li mhux kontrasat hi dik esebita in atti u li taghha l-attur talab l- kopja taghha.

“Issa permezz ta’ din ic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob l-intervent tal-Qorti sabiex tordna lill-konvenut, qua Segretarju tal-Kunsill Lokali in kwistjoni, sabiex jghaddilu kopja awtentika ta’ din id-dikjarazzjoni. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur ma jzid xejn aktar milli ppremetta fic-citazzjoni tieghu. Mix-xhieda tieghu li ta quddiem din il-Qorti u viva voce l-attur stqarr illi kien fatt li huwa ma kienx re-elett bhala Kunsillier fl-elezzjonijiet ghall-Kunsill Lokali tad-Distrett li saru f’Marzu 1996 u ghal dak li jirrigwarda l-interess tieghu testwalment qal: . “bhala Kunsillier dakinhar ridt  dokument ufficjali jitpogga fuq il-mejda tal-Kunsill” u zied jghid li “jiena ghadni rridu ‘l ghaliex dakinhar tlabtu u ghadni sal-lum hadd ma tahuli…. s-Segretarju ghadu ma tahulix”.

“Illi l-gudizzju odjern hu cirkoskritt ghall-interess guridiku ta’ l-attur li jipproponi l-kawza liema interess guridiku gie

sollevat mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tan-nota ta’ l-ecezzjonijiet tieghu.

“Illi b’referenza ghal-linji gwida gurisprudenzjali fuq citati din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur naqas b’mod palesi li jissostanzja u jipprova l-interess guridiku li tesigi l-ligi u oltre, jekk, ‘dato ma non concesso’ kellu dan l-interess mal-prezentata tal-kawza llum li m’huwiex kunsillier dan l-interess guridiku gie nieqes.”

**L-appell**

Minn dina s-sentenza appella, kif inghad, l-attur. Bazikament l-aggravju tieghu hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li hu ma kellux l-interess guridiku biex jippromwovi dina l-kawza. Hu jghid li kemm bhala Kunsillier kif ukoll bhala residenti tal-lokalita` kellu dritt jitlob li jinghata dokument importanti li kien gie pprezentat mis-Sindku liema dokument kien fih allegazzjoni serja hafna fuqu dwar xi haga li saret waqt il-perjodu li hu kien qed iservi bhala Kunsillier. Hu kien u ghad ghandu interess li jkollu kopja ta’ dan id-dokument.

**Risposta tal-appellat**

L-appellat wiegeb li l-appellant qed jitlob li jinghata kopja awtentika ta’ dokument tal-Kunsill a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 34(1) tal-Iskeda Numru 6 tal-Kap 636. Dan id-dritt jispetta biss lil min ikun Kunsillier u billi l-appellant m’ghadux Kunsillier m’ghadx ghandu interess guridiku li jitlob dina l-kopja. Kwantu ghad-dritt li l-appellant qed jivvanta bhala residenti tal-lokalita` din it-talba hija *ultra petita* billi l-kawza giet ristretta ghad-dritt (vantat) moghti taht l-artikolu 34(1) precitat. Inoltre l-ligi taghti biss dritt lill-membri tal-pubbliku li jispezzjonaw, mhux li jiehdu kopja, tal-minuti tal-Kunsill (ara 34(2) Kap 363).

**Fatti**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn utili li jinghata sfond fil-qosor tal-fatti li taw lok ghal dina l-vertenza.

Fil-laqgha tal-14 ta’ Gunju 2005 tal-Kunsill Lokali ta’ Sannat Ghawdex, is-sindku kien qara dikjarazzjoni li kienet tittratta l-*performance bonus* tas-segretarju. Is-sindku talab li d-dikjarazzjoni titnizzel fil-minuti. Wara meta gew prezentati l-minuti biex jigu approvati mill-Kunsill gie allegat li kien hemm diskrepanza bejn dak li kien inqara fil-laqgha mis-Sindku u dak li gie moghti biex jitnizzel fil-minuti u partikolarment l-ahhar paragrafu tad-dikjarazzjoni li suppost kienet taqra: “Fid-dawl tac-cirkostanzi jiena gejt imgieghel niffirma l-*performance bonus* tas-segretarju esekuttiv tal-kunsill.” Din il-parti giet maqbuza jew mhux riprodotta. Il-minuti ghalhekk ma kienux gewx approvati mill-Kunsill billi kien hemm dina l-kwistjoni pendenti. L-appellant talab kopja awtentika ta’ dina d-dikjarazzjoni li suppost kellha tigi annessa mal-minuti izda ma nghatax, u ghalhekk saret dina l-kawza. Fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant ma baqax Kunsillier.

**Konsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti**

L-ewwel Qorti kienet iddecidiet li “fil-kaz in ezami l-attur naqas b’mod palesi li jissostanzja u jipprova l-interess guridiku li tesigi l-ligi u inoltre, jekk, ‘dato ma non concesso’ kellu dan l-interess mal-prezentata tal-kawza, llum li m’ghadux aktar kunsillier, dan l-interess guridiku gie nieqes”.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-attur m’ghandux interess guridiku mhux biss ghax ma baqax Kunsillier imma ghax lanqas ipprova li kellu interess guridiku li jippromwovi l-kawza.

Jirrizulta li mix-xiedha tal-appellant moghtija quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2006, li fil-mori tal-kawza l-appellant ma kienx baqa’ Kunsillier billi ma giex rielett. Mistoqsi ghalhekk mill-ewwel Qorti dwar “l-interess” tieghu x’kien, l-attur wiegeb: “Bhala Kunsillier

dakinhar jiena ridt dokument ufficjali jitpogga fuq il-mejda tal-Kunsill"… Kompla jghid li hu ghadu jrid dan id-dokument ghaliex dakinhar talbu u ghadu sal-lum hadd ma tahulu.

Hu risaput li l-interess ta' attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja tal-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara **Calleja vs Micallef** deciza minn dina l-Qorti fl-1 ta' April 1992 u **Sammut vs Attard** ukoll ta' dina l-Qorti deciza fis-17 ta' Frar 1993).

Qabel ma nghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti l-appellant diga` ma kienx ghadu Kunsillier izda nonostante dana l-premessi tac-citazzjoni u t-talbiet tieghu kif proposti baqghu l-istess, u ma saret ebda korrezzjoni biex tirrifletti t-tmiem tal-kariga tieghu f'liema vesti hu kien qed jitlob id-dokument. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ta' appellant billi l-interess guridiku tieghu gie nieqes.

Quddiem l-ewwel Qorti, u anke quddiem dina l-Qorti, l-appellant sostna li, apparti bhala Kunsillier, hu, anke bhala residenti tal-lokalita`, kellu u ghad ghandu d-dritt li jitlob li jinghata dokument li nqara mis-Sindku fil-laqgha precitata. Dana l-punt gie sollevat fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur quddiem l-ewwel Qorti u l-konvenut/appellat kien wiegeb li dika s-sottomissjoni kienet inaccettabbili ghax *ultra petita*.

Issa, l-interess guridiku jrid jissussisti fil-kawza <u>kif proposta u dejjem fil-kuntest tat-talbiet attrici</u>. L-interess guridiku jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma ukoll interess li jissarraf fi pretensjoni ta' esercizzju ta' dritt kontra l-persuna citata. Ghalhekk mhux kull utilita` guridika tekwivali ghall interess guridiku. (ara App. **Attard vs Baldacchino et** tal-5/10/2001). It-talbiet u l-premessi fic-citazzjoni jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tiddeciedi u li jiddeterminaw il-komptenza taghha. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tiddecidiet fuq xi haga mhix mitluba jew difiza mhux imressqa. Dan pero` ma jimpedix lill-gudikant milli jezamina u jdentifika n-natura ezatta tal-azzjoni u l-elementi kostituttivi tal-pretensjoni.

Fil-kaz in ezami, it-talba tal-appellant hi mibnija fuq il-premessa li bhala Kunsillier ghandu dritt ghad-dokument li nqara waqt laqgha tal-Kunsill Lokali. Fit-talba kontenuta fic-citazzjoni tissemma' espressament id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha l-appellant qed jibbaza t-talba tieghu. Imkien fic-citazzjoni ma tissemma' xi vesti ohra li fiha l-appellant kien qed jidher jew li biha saret it-talba. Il-vesti tieghu ta' Kunsillier fl-ebda stadju ma nbidlet jew giet korretta, nonostante l-fatt li l-appellant kien jaf li ma kienx ghadu Kunsillier. Fic-citazzjoni mkien ma ddahhlet il-premessa jew talba ghad-dokument bhala membru tal-pubbliku tal-lokalita` jew kien hemm xi haga x'tindika li c-citazzjoni setghet tiftiehem li tinkludi ukoll dak provvdut fis-subartikolu tnejn tal-artikolu citat. Japplika ghalhekk il-principju li *selecta una via non datur recursus ad alteram.* Dan it-tibdil fil-paramentri tal-kawza lanqas ma kien giet accettat mill-ewwel Qorti li ddecidiet li l-attur bl-ebda mod ma kien ipprova li kellu interess guridiku.

Dwar il-kwistjoni tal-ispezzjoni ta' dokumenti, l-Kap 363 fl-iskeda 6 fl-artikolu 34 (1) jipprovvdi li **Kunsillier** jista', **ghal skop ta' dmir tieghu bhala tali** (**izda mhux mod iehor)** jaghmel arrangamenti mas-Segretarju Ezekuttiv biex jispezzjona xi dokument li jkollu l-Kunsill jew kumitat, u jekk ikun hemm kopji, dawn ghandhom jinghataw lilu fuq talba, ghall-istess raguni. L-appellant issa m'ghadx ghandu l-interess guridiku bhala Kunsilleri u ghalhekk ma tistax issir talba "ghall l-iskop ta' dmir tieghu bhala Kunsillier". Is-subartikolu (2) li l-appellant <u>issa</u> jrid jibbaza l-kawza tieghu fuqu jghid li l-minuti kollha mizmuma mill-Kunsill u minn xi kumitat ghandhom ikunu miftuha ghall-ispezzjoni minn kull membru tal-Kunsill u tal-pubbliku. Ghalhekk anke jekk l-Qorti kellha taccetta li l-appellant ghandu raguni fis-sottomissjoni tieghu, l-istess l-azzjoni tal-appellant kif proposta ma tistax tirnexxi billi hu qed jitlob li jinghata kopja tad-dokument meta l-ligi taht is-subartikolu tnejn tawtorizzah biss li jispezzjona l-minuti.

Finalment dina l-Qorti tirrileva li fit-trattazzjoni ta' dana l-appell id-difensur tal-appellant ghamlet referenza ghall-artikolu 45 tal-Kap 363 bhala raguni gdida ghaliex l-

appellant jippretendi li ghandu dritt ukoll li jitlob id-dokument imsemmi izda, ghall-istess ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti ma tistax taccetta din is-sottomissjoni u dan ukoll ghaliex ir-raguni msemmija mhix wahda mill-aggravji tal-appell u ma ssemmitx quddiem l-ewwel Qorti u taqjmet biss fit-trattazzjoni ta' dana l-appell.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez taz-zewg istanzi ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------